# KLIEM IX-XIĦ marbut max-xhur

## DIĊEMBRU (Milied)

- Bejn il-Qala u l-Milied erfa' l-moħriet minn ħalq il-wied.
  *Bejn il-Kunċizzjoni (it-8 ta' Diċembru) u l-Milied ma jkunx tajjeb għall-ħrit.*
- Il-Milied bil-kappell, l-Għid bil-mantar: in-nies tiekol tajjeb u l-bhejjem tixtarr.
  *Meta fil-Milied jagħmel il-bnazzi u fl-Għid tagħmel ix-xita, l-uċuħ tar-raba' jirnexxu u kulħadd igawdi.*
- F'Diċembru fis-sala jidħol membru.
  *Kif jintemm Diċembru tibda sena ġdida.*
- Il-Milied nofs il-ħobż; l-Għid nofs l-inbid.
  *Għall-ħabta ta' Diċembru, xi prodotti tar-raba' jkunu fl-aqwa tagħhom u għall-ħabta tal-Għid id-dwieli.*
- Milied taħt il-bejt, il-Għid fuq il-bejt.
  *Milied bix-xita, l-Għid fil-bnazzi.*

## JANNAR

- Aħjar il-bard ta' Jananr mix-xemx li ma ssaħħanx.
  *Jekk ħaġa ma tiswielek xejn, m'għandekx xi tridha.*
- Dehxa ta' Jannar fawra minn lewn in-nar.
  *Min ikun ħati jibża' li jinqabad.*
- F'Jannar agħlaq in-nagħaġ fil-għar.
  *F'Jannar oqgħod ġewwa minħabba l-maltemp.*
- F'Jannar ix-xiħ jew fis-sodda jew l-isptar.
  *Jannar hu xahar kiefer għax-xjuħ.*
- F'Jannar stenna xita, ksieħ u nar (beraq).
  *F'Jannar stenna l-maltemp.*
- Ġidra ta' Jannar agħtiha l-ħmar.
  *Il-ġdur ta' Jannar ikunu xierfa u ma jkunux tajbin.*
- Is-sajf ta' Jannar: għana tal-bidwi u tal-fqar.
  *Il-bnazzi li jagħmel f'Jannar huwa ta' ġid għar-raba' u għall-bidwi.*

lehhilmalti@gmail.com LEĦĦ IL-MALTI lehhilmalti@gmail.com

# Ninni, Ninni

*Għanja tal-Milied tas-seklu 19*



Ninni, ninni, Ġesù tiegħi,
Ninni, ninni, ħa tistrieħ.
Ninni, ninni, ħalli tinsa
Tinsa d-dwejjaq u l-uġigħ.

*O jaħasra kemm batejna*
*Minn xħin tlaqna minn ġod-dar,*
*Kemm batejna inti u jiena*
*Sa wasalna f'dan il-għar!*

Ninni, ninni, serraħ moħħok,
Orqod sewwa, la tibżax,
Jindukrak hawn l-għarus tiegħi,
Issib bħalu ma tistax.

*O Ġużeppi, ara xi ħlewwa,*
*Għoġbu jtina il-Mulej,*
*Dan jgħiduh il-Kotba Mqaddsa,*
*Hu ta' ġensna il-Feddej.*

Ninni, ninni, ara hawn ir-rgħajja,
Kollha jridu ibusuk
Iżda inti ibqa' ninni,
Xorta waħda l-ħrief jgħattuk.

*Twajba ragħajja, ersqu, ersqu,*
*Ħa jagħtikom il-barkiet,*
*Dan iċ-ċkejken waqt li jninni,*
*Kollox jara mis-smewwiet.*

leħħ il-Malti
nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

Folja elettronika b'tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com*